MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 20/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Loreto Borg**

I1-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Loreto Borg talli matul ix-xahar ta' Lulju, 2003 naqas li jaghti s-somma ta' Lm240 lill-mara tieghu Josephine Borg bhala manteniment ghaliha u ghal uliedhom skond id-digriet numru 1294/1999 mahrug mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lillimsemmi Loreto Borg hati ta' l-

imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal detenzjoni ta’ ghaxart ijiem;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Loreto Borg minnu pprezentat fit-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza li huma identici ghal dawk tal-kawzi l-ohra kontra l-istess appellant u li qed jigu decizi fis-seduta tallum;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:
Mill-provi migbura jirrizulta li permezz ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta’ Ottubru 1999 (a fol. 6) l-appellant kien gie ordnat li jhallas lil martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ Lm20 u ghaz-zewg uliedhom minuri s-somma ta’ Lm40, pagabbli kull gimgha bil-quddiem. Josephine Borg, mart l-appellant, xehdet li zewgha ilu ma jhallas manteniment sa minn Novembru tas-sena 2001. Fil-fatt hi kellha tohrog tahdem. L-appellant xehed li ma baqax ihallas peress li twaqqfitlu l-ghajnuna socjali li kien qieghed jircievi ghall-familja kollha u flus aktar ma kellux imfaddlin. Barra minn hekk ma jahdimx ghax kien jahdem fil-gebel u kellu jieqaf peress li nfetaq tliet darbiet. Illum imantni lilu nniffsu biss bl-ghajnuna socjali li jircievi ghalih wahdu. Mix-xiehda ta’ Edwin Mallia in rapprezentanza tal-ETC jirrizulta li 1-appellant waqaf jahdem fid-29 ta’ Jannar 1993 u minn dak iz-zmien baqa’ dejjem jirregistra. Carmel Azzopardi in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kkonferma li ghal certu perijodu 1-appellant kien jircievi l-ghajnuna socjali ghall-familja kollha izda meta beda l-process ta’ separazzjoni beda jircievi ghalih wahdu u martu tircievi ghaliha u ghat-tfal.

Fir-rikors ta’ appell tieghu, 1-appellant isostni li meta nghata d-digriet tal-5 ta’ Ottubru 1999 huwa kien informa lill-Imhallef sedenti li kien dizokkupat u li kienet iebsa

hafna ghalih biex jaderixxi. Sussegwentement pero` huwa ottempera ruhu ma’ 1-ordni tal-Qorti billi ghadda lil martu l-manteniment ordnat minn flus li kellu mfaddla. Meta spiccaw dawn il-fondi, huwa ntavola zewg talbiet quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi varjat id-digriet imsemmi izda dawn it-talbiet gew michuda. L-uniku dhul tieghu llum huwa mid-Dipartiment ta’ l-Ghajnuna Socjali. Peress li issa sar jaf li martu sabet ix-xoghol, dan jaghti lok li jintavola rikors iehor quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Waqt is-sottomissjonijiet orali pero`, id-difensur ta’ l-appellant qal li l-proceduri ta’ separazzjoni gew dikjarati dezerti u, fuq domanda lil mart l-appellant, din qalet li l-proceduri “spiccaw sfortunatament; waqghet il-kawza - lanqas naf ghal x’hiex jiena”. Gie ghalhekk sottomess li galadarba “waqghu” l-proceduri, allura "waqa'" d-digriet fuq imsemmi.

Il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta’ Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista’ thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi *“tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment”.* Hu biss wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista’ thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa’ 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet.

Fil-kaz in ezami l-appellant, *ex admissis* fir-rikors ta’ appell tieghu, ighid li darbtejn adixxa l-Qorti kompetenti biex titnaqqaslu s-somma stabbilita bhala manteniment izda b’ezitu sfavorevoli ghalih. Ighid ukoll fir-rikors ta’ appell li ghax sar jaf li martu qed tahdem, hemm lok li jintavola rikors iehor ghall-istess skop. Mill-provi prodotti u sottomissjonijiet li saru, ma jirrizultax li l-appellant ha passi biex jintavola tali rikors. Ghall-kuntrarju gie sottomess verbalment li l-proceduri ta’ separazzjoni bejnu u martu gew dikjarati dezerti u ghalhekk ghandu jitqies li "waqa'" d-digriet relattiv.

Din l-ahhar sottomissjoni tista' titqies bhala aggravju gdid u skond gurisprudenza ormai pacifika, Qorti ta' Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' 1-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors *"ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari,* ***ir-raguni ta' l-appell*** (enfazi tal-Qorti) *u t-talba ta' l-appellant".*[1] Fi kwalunkwe kaz, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Raymond Cutajar,** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, gie ritenut hekk:

*"Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim'Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim 'Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null. Ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova (i) li nghata ordni minn qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet, bhalma sar f'dan il-kaz jew, kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva) u (ii) li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta, imbaghad, ghall-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni."*

Fil-kaz in ezami ma ngabet l-ebda prova bhal din mill-appellant; anzi, kif diga` gie osservat aktar 'il fuq, l-appellant ma hax passi ulterjuri biex jigi revokat jew mibdul id-digriet fuq imsemmi.

[1] Ara, fost obrajn, Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Marco Pace,** 7 ta Novembru 2002.

L-appellant jilmenta li martu qed tahdem u ghalhekk ghandha l-introjtu taghha. Izda dan l-ilment ma jnaqqas xejn mill-kolpevolezza ta' l-appellant. Il-bazi ta' l-imputazzjoni, cioe` il-presuppost guridiku, hu l-ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-5 ta' Ottubru 1999. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Camilleri** deciz minn din il-Qorti fit-18 ta' Settembru 2002:

*"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."*

L-istess jista' jinghad dwar l-ilment ta' l-appellant li ma jahdimx minhabba ftuq li kien sofra meta kien jahdem ta' bennej. Fil-fatt jirrizulta li huwa kien diga` f' din is-sitwazzjoni meta nghata d-digriet in kwistjoni mis-Sekond'Awla. U hu stess ighid fir-rikors ta' appell tieghu li kien informa lill-Imhallef sedenti fis-Sekond'Awla bil-fatt li kien dizokkupat. Ghalhekk din il-Qorti tista' biss tikkonkludi li meta s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat id-digriet tal-5 ta' Ottubru 1999, kienet hadet dan in konsiderazzjoni meta giet biex tiffissa l-manteniment pagabbli minnu lil martu u lil uliedu[2], bhalma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili hadet in konsiderazzjoni kull ma kien hemm x'jigi kkunsidrat meta cahdet iz-zewg talbiet li l-appellant stess ighid li ghamel biex jigi varjat l-imsemmi digriet.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li l-appellant kien diga` gie misjub hati

[2] Ara, fost ohrajn, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Galea**, 3 ta' Novembru 1995 (Vol.LXXIX.v. 1678).

minn dik il-Qorti dwar il-kontravvenzjoni in kwistjoni meta minn imkien ma rrizulta, mill-provi prodotti, dan il-fatt. Huwa veru li quddiem l-ewwel Qorti ma gewx prodotti kopji legali ta’ sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu u lanqas ma giet esebita l-fedina penali tieghu. Mill-banda l-ohra, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003:

*"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".*

F’dan il-kaz l-appellant baqa’ ma hallasx, anzi mix-xiehda ta’ martu jirrizulta li ilu sa minn Novembru 2001 ma jhallasx, fatt li ma giex negat mill-appellant. L-appellant jidher li qieghed jibbaza d-difiza tieghu fuq il-fatt li ilu diversi snin jirregistra ghax-xoghol. U ghalkemm xehed li kellu jieqaf mix-xoghol tieghu ta' bennej peress li nfetaq tliet darbiet, huwa ma pproduca l-ebda evidenza medika li tindika li ma hu tajjeb ghall-ebda tip ta' xoghol. F’kaz bhal dan ghalhekk huwa ovvju li piena pekunjarja ftit li xejn tista’ tkun effikaci. U billi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri stabbiliti mil-ligi, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddisturba dik il-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------